# L-Eżami ta' Nofs is-Sena

# IL-MALTI

# 2016 - 2017

**IL-LIVELLI 5-6-7**

| IS-SEBA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ____________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 10 | 15 | 5 | 15 | 15 | 20 | |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

## A. FEHIM MILL-QARI (10 marki)

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**IL-BNIEDEM U L-FLUS**

Darba waħda raġel kien qiegħed fl-għarix tiegħu mal-kumplament ta' wliedu meta sema' l-bieb iħabbat. Talab lil min ħabbatlu jidħol, imma dan qallu hekk: "Jien jisimni Flus, u ġejt għandek biex ngħinek f'kull ma jkollok bżonn. Iżda ma nidħolx ġewwa qabel ma niftiehmu x'se jkun ix-xogħol tiegħi għandek!" (par. 1)

"Dak li trid tkun taf? Malajr se ngħidlek. L-ewwelnett immaġina li din id-dar hija tiegħek. Għada mmorru flimkien f'ħanut biex nixtru ħafna ħwejjeġ għalija u għal marti. Wara dan nibqgħu sejrin nixtru ikel għal xahar sħiħ. Wara dan nixtieq nistieden il-ħbieb tiegħi f'dari, u neħodhom fil-ħanut u nħallsilhom ilkoll ix-xorb. Wara mmorru nippassiġġaw kif jagħmlu t-turisti li jiġu f'artna. Dak kulma se nitolbok!" (par. 2)

Il-Flus baqa' jisma' mingħajr ma qal kelma. Meta spiċċa qallu: "Miniex se nidħol għandek. Jekk nidħol mhux se jkolli ħajja twila miegħek. Fi żmien qasir nimrad u mmut. Saħħa, se nipprova mmur xi mkien ieħor." (par. 3)

Il-Flus ħabbat bieb ieħor u għamel l-istess mistoqsijiet li għamel lill-ewwel wieħed. It-tieni wieħed qallu: "La ridt tiġi għandi se nistmak bħala mistieden. Insiblek kaxxa fejn toqgħod; jew jekk aħjar għalik, inħaffirlek ħofra u naħbik fiha. Nixtieq naħdem kemm niflaħ u se nużak biex ikollha x'tiekol il-familja. Għada nieħu ftit minnek biex inkun nista' nibni dar żgħira fejn noqogħdu u noħorġu minn dan l-għarix, li qed jaqa' biċċa biċċa. Fid-dar il-ġdida nkunu nistgħu ngħixu inti, marti, uliedi u jien. Jekk jirnexxili, nibni oħra biex inkun nista' nikriha u bil-qligħ tagħha nżid is-somma u nkabbar lilek. Jekk nisma' li xi ħadd ikun irid ibigħ l-għalqa, nipprova nixtriha u naħdimha biex lilek inżidek." (par. 4)

Il-Flus ma ħalliehx ikompli, u qallu: "Fid-dar tiegħek inkun komdu ħafna. Se nidħol għandek u ma nitilqek qatt." (par. 5)

(adattament minn **Ħrejjef Afrikani, Volum 2** ta' Camilleri, E.)



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Il-familji li mar għandhom il-Flus kienu joqogħdu f'________________ . (par. 1 u par. 4)

2. X'inhi r-raġuni li għaliha l-Flus mar għand l-ewwel familja? (par. 1)

_______________________________________________

3. X'kellu jgħidlu r-raġel biex il-Flus imur joqgħod għand il-familja tiegħu? (par. 1)

_______________________________________________

4. X'ried iħallsilhom lill-ħbieb, ir-raġel tal-ewwel familja? (par. 2)

_______________________________________________

5. Huwa minnu li l-Flus ma marx joqgħod għand l-ewwel familja għax ma kinitx bil-għaqal? (par. 3)

_______________________________________________

6. X'espressjoni tintuża biex turina li l-Flus mar għand ħaddieħor? (par. 4)

_______________________________________________

7. Kif kien se jiġi stmat il-Flus għand it-tieni familja? (par. 4)

_______________________________________________

8. Semmi żewġ skopijiet li għalihom it-tieni raġel biħsiebu juża l-Flus. (par. 4)

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

9. Huwa vera li l-Flus irid imur joqgħod għand min il-ġid jaħlih bl-addoċċ?

_______________________________________________

| **B.** | **GRAMMATIKA** | (15-il marka) |
|---|---|---|

1. Erġa' ikteb dan il-qawl bla żbalji: Lilbis jamlek nis.

   ________________ ________________ ________________ . (2 marki)

2. Żid l-ittri neqsin f'din il-kitba: _l-Flus ma mar_ _ħabbat għan_ i_-sinjur_, _mma għan_ _l-f_qra. M_ r__dx jinħela fi_-vojt, __al_ekk fittex familja __aql_j_ minflok waħda ħ_lj_. (5 marki)

3. Liema kelmiet (mis-silta ta' paġna 2) għandhom dawn il-konsonanti tal-Għerq?

| GĦERQ | PARAGRAFU | KELMA |
|---|---|---|
| għ-r-x | 1 | |
| f-h-m | 1 | |
| b-q-għ | 2 | |
| d-ħ-l | 3 | |
| q-għ-d | 4 | |

(5 marki)

4. Agħti l-Mamma ta' dawn l-Għeruq bħal fl-eżempju:

   **GĦERQ → MAMMA (X'għamel huwa?)**

   f – t – ħ → fetaħ

   d – ħ – l → _________

   m – w – r → _________

   b – q – għ → _________

   t – l – b → _________

   m – r – d → _________

   għ – m – l → _________ (3 marki)

| Ċ. KITBA FUNZJONALI | (5 marki) |
|---|---|

(1) Dan huwa djalogu bejn Sinjur (**S**) u Fqir (**F**).

(2) Imla l-vojt b'ħames sentenzi li jista' jgħid il-Fqir (**F**) filwaqt li jkun qiegħed iwieġeb / jirreaġixxi għal dak li jkun qiegħed jgħidlu s-Sinjur (**S**).

**Djalogu bejn Sinjur (S) u Fqir (F)**

| | |
|---|---|
| **S** | Ara kemm ilni ma narak! X'minnek? |
| **F** | Ma tantx għandi biex niftaħar. Dejjem l-stess ħajti! |
| **S** | Imma inti għax ma tismax minni? L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel hija li tara x'għandek f'idejk. |
| **F** | |
| **S** | Jekk tibqa' taħsibha hekk qatt m'inti ħa tinqala' mill-faqar! Wara li tara x'għandek, ara x'għandek żejjed ħalli tara ġġibx flusu. |
| **F** | |
| **S** | Ladarba tkun tgħallimt kif tqassam flusek, ma taħlihomx u tbigħ dak kollu li hu żejjed, li jkun jonqos hu li tidra tieħu ħsiebhom. Tista' tinvesti f'xi bank ... |
| **F** | |
| **S** | Donnok qiegħed tfittex kull skuża biex tibqa' fejn qiegħed bħalissa! Ma nagħmlux mod li int wieħed minn dawk li jħobbu jkunu l-vittma, u ma trid tagħmel xejn biex tiġi aħjar, hux? |
| **F** | |
| **S** | Ladarba qiegħed titkellem hekk, nagħtik ftit raġun. Jista' jkun li – kif qiegħed tgħid int – mhux kulħadd jiġu quddiemu l-istess ċansijiet fil-ħajja, imma xorta nibqa' nħeġġek biex tagħmel kuraġġ u tipprova ssir aħjar. |
| **F** | |

(10 marki)

| **D. POEŻIJA** | (15-il marka) |
|---|---|

1. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

TIFĦIRA LIL MALTA (Ġan Anton Vassallo)

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tagħtik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

i. "o Malta tagħna", fl-ewwel vers turi li l-poeta qed ikellem lil _____________(marka)

ii. **Aqta' linja taħt it-tajba**:

Il-poeta: mhux Malti / huwa Malti / huwa barrani. (marka)

iii. Ikteb 2 kelmiet mill-poeżija li juru li Malta hi sabiħa:

a. ______________________ b. ______________________ (2 marki)

2. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

LIL OMMI ta' Rużar Briffa

Aħbili li hemm barra
Qed jokrob ir-riħ,
bħal ruħ qiegħda tfittex,
għalxejn il-mistrieħ.

Benninni, benninni,
nessini kull dieqa,
benninni, bħal meta
kont ċkejken fin-nieqa,

Imla l-vojt b' dan il-kliem:

*ommu, ħajtu, diffikultajiet, benniena, tarbija, poeżija, jaqta'*

F'din il-________________ naraw lil Rużar Briffa ________________ qalbu mid-________________ u l-problemi li kien qed isib matul ________________. Idur lejn ________________ u jitlobha tbennu. Xtaq li kieku jista' jerġa' jsir ________________ fil-________________ sabiex ikollu lil ommu tipproteġih. (7 marki)

(i) Aqta' linja taħt is-sett ta' kliem li jaqbel (jirrima):

*meta* **u** *nieqa* **jew** *riħ* **u** *mistrieħ*. (marka)

(ii) Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kolonna taħt fejn hu mmarkat ↓ skont kif tkompli s-sentenza: (3 marki)

| | KOLONNA A | ↓ | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-poeta jismu … | | … benniena. |
| 2 | Il-problemi tal-ħajja … | | … jissemmew bħala r-riħ jokrob. |
| 3 | "nieqa" tfisser … | | … Rużar Briffa. |

## E. PROŻA (15-il marka)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont l-għażla li hemm fil-parentesi:

1. Zito ________________ (Gattarell / Taffarell / Zandarell) huwa tifel ________________ (maħrub / aljen / Brażiljan) li ġie Malta ________________ (bi żball / għax ried / biex jaddottawh).
2. Dan għaliex ________________ (id-dgħajsa / il-vettura spazjali / l-ajruplan) li ________________ (bih / biha) kien qiegħed jivvjaġġa ________________ (sofra / sofriet) ħsara ________________ (fit-tank / fil-boxxla / fit-tajers).
3. Il-familja ________________ (Vassallo / Brincat / Debono) nzertat kienet qiegħda tqatta' xi ħin liberu ________________ (l-Buskett / Ta' Qali / Smart City) meta l-kelb tagħha, ________________ (Speedy / Sprightly / Spikey) beda jinbaħ għax ra xi ________________ (widnejn / idejn / għajnejn) f'siġra.
4. Dawn ma kienu ta' ħadd għajr ________________ (Zito / Stefan / Hector) li kellu poteri ta' ________________ (barrani / sportiv / ekstraterrestri) bħall-________________ (omnipreżenza / kamuflax / infallibilità).
5. Ftehmu li ma kienx ta' waħdu u ddeċidew li ________________ (jrabbuh / jbigħuh/ jisponsorjawh) huma.
6. Imma ftiehmu miegħu wkoll li kellu jinżamm kollox ________________ (bla ħabi / sigriet / kif inhu) biex ma jiġux fl-inkwiet mal-awtoritajiet ________________ (bħax-xandir / bħall-pulizija / bħall-MEPA).
7. Fil-fatt, l-inkwiet inqala' mill-ewwel: inzertaw *roadblock* u kellhom ________________ (jgħidu l-verità/ iħarrfu / jiġġieldu) mhux ftit biex tħallew imorru d-dar.
8. Lanqas id-dar ma sabu kwiet għax ________________ (Rita / Lorella / Salvina), il-ġara ________________ (żaqqieqa / xħiħa / seksieka) tal-familja rat kollox.

9. Wara xi żmien ġie deċiż li Zito jibda jattendi ________________ (l-Mużew / iċ-ċentru / l-iskola) biex jagħti anqas fil-għajn.
10. Sfortunatament, anke hemm inqala' l-inkwiet: Zito ltaqa' mal-buli t'hemmhekk: ________________ (Hector / Stefan / Paul) li wassal biex Zito jkollu jitlaq għax ferraq ġlieda li bdiet meta salva l-għasfur ta' ________________ (Doris / Melissa / Lorella), ________________ (Daffodil / Dragonfly / Dandelion).
11. Matul dan iż-żmien, Zito ġie nnutat juża l-poteri tiegħu meta salva ________________ (t-tarbija / missier / in-neputi) ta' ________________ (Salvina / Katya / Christine) billi tar min-naħa għall-oħra ________________ (tat-triq / tax-xmara / tal-fliegu).
12. Kien matul dan iż-żmien ukoll li nibet rispett qawwi bejn Zito u s-Sur ________________ (Debono / Rospo / Vassallo), l-għalliem tal-________________ (Isports / Ingliż / Malti).
13. Dan ukoll ma tantx kellu grazzja ma' ________________ (Stefan / Paul / Hector) għax kien jaf xi jsarraf.

| **F. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

**Ikteb madwar 100 kelma dwar <u>wieħed</u> minn dawn is-suġġetti** (Tista' tagħmel użu mill-għajnuna mogħtija taħt kull titlu).

1. **Meta mort ma' zijuwi bid-dgħajsa.**

*X'ġurnata kienet? Kif kien it-temp? X'ħadtu magħkom? Fi xħin mortu? X'rajtu? Xi smajtu? X'għamiltu? Kif spiċċat din il-ġrajja? Kif ħassejtek fl-aħħar? Se tibqa' tiftakarha din il-ġrajja? Għaliex? Li kieku jkollok terġa' tmur, x'tagħmel?*

2. **Din is-sena tkellimtu dwar kif tikteb storja tal-biża'. Irrakkonta storja li kif taqraha żgur li tbeżżgħak.**

*Fejn seħħet din l-istorja? Qrajtha xi mkien jew rajt film dwarha? Meta u xħin ġrat? Min kienu l-karattri ewlenin? Kif kompliet u kif spiċċat din l-istorja?*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________